*- DISPREZZ -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' llum l-Erbgha 11 ta' Lulju, 2001**

**Kawza Numru 9**
**Citazzjoni Numru 2637/97/RCP**

**Registratur tal-Qrati Superjuri**

**vs**

**Anthony Gauci**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat l-att tac-citazzjoni ipprezentata mill-attur fl-14 ta' Novembru 1997 fejn huwa ippremetta illi:-

1. B’ digriet moghti minn din il-Qorti fis-17 ta’ April 1997 fuq rikors ta’ Lawrence Cuschieri, gie ffissat il-jum tal-Hamis, 12 ta’ Gunju 1997 mid-9.00 a. m. sa nofs in-nhar ghal bejgh bl-irkant li kien gie ordnat b’ Digriet tat-3 ta’ Ottubru 1996 li kellu jsir f’ 149, Strait Street Valletta ta’ wall unit, portable television Grundig u oggetti ohra simili li kienu gew maqbuda minghand il-konvenut Anthony Gauci, dokument X1;

2. Kif irrapporta lil din il-Qorti, il-Marixxall esekutur meta mar fl-10 ta’ Gunju 1997 fil-fond “Sayonara”, Triq Karwiela, Santa Lucia, ma setghax jeleva l-oggetti subastandi fuq imsemmija ghaliex id-debitur, konvenut odjern, ma hallihx jaghmel dan nonostante li l-istess Marixxall wissiegh bil-konsegwenzi, dokument X2;

3. Fuq dan ir-rapport il-Qorti, ordnat lill-attur jipprocedi skond il-ligi kontra d-debitur konvenut odjern, Dokument X3;

Talab lil din il-Qorti sabiex lill-konvenut:-

1. Issibu hati ta’ disprezz ghall-awtorita’ taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12); u

2. Tikkundannah ghall-pieni preskritti mill-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjez.

Rat illi l-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz u bic-citazzjoni fit-3 ta' Gunju, 1998;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet upprezentata fit-23 ta' Gunju, 1998 mill-konvenut fejn eccepixxa illi:-

A. Fl-ewwel lok l-eccipjent ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li r-Registratur tal-Qrati Superjuri m' huwiex stabbilit bil-ligi;

B. Fi kwalunkwe kaz, l-eccipjent ma wettaq l-ebda disprezz;

C. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi l-attur gie debitament notifikat bl-eccezzjonijiet tal-konvenut fil-25 ta' Gunju 1998;

Rat il-verbal taghha tal-25 ta' Gunju 1998 fejn din il-Qorti ordnat lill-konvenut sabiex sal-ahhar ta' Lulju 1998 huwa jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet dwar l-ewwel eccezzjoni tieghu bin-notifika lill-kontro parti li jkollu sa l-ahhar ta' Settembru ghar-risposta;

Rat il-verbal taghha tas-6 ta' Novembru 1998 fejn innotat illi l-verbal taghha precedenti kien ghadu ma giex notifikat lill-Avukat Dottor Toni Abela;

Rat l-istess verbal fejn ordnat lill-konvenut sabiex fi zmien gimghatejn huwa jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet dwar l-ewwel eccezzjoni tieghu bin-notifika lill-kontro parti li jkollha gimghatejn minn notifika ghar-risposta.

Rat l-imsemmi verbal fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza in difetto ostakolo dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghad-9 ta' Frar 1999 illi minhabba pressjoni ta' xoghol tali kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu dwar l-istess eccezzjoni ghat-23 ta' Marzu 1999, skond verbal tad-9 ta' Frar 1999.

Rat in-nota tal-konvenut ipprezentata fit-18 ta' Novembru 1998.

Rat id-decizjoni li nghatat fit-23 ta' Marzu 1999 fejn din il-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut bl-ispejjez ta' din id-decizjoni in parte kontra tieghu.
Rat il-verbali tat-2 ta' Gunju 1999, tat-28 ta' Ottubru 1999, tad-9 ta' Frar 2000 fejn din il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju, u tal-11 t'April 2000 fejn din il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors ta' l-attur tal-14 ta' April 2000 u d-digriet tal-Qorti tas-27 t'April 2000 fejn laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghall-25 ta' Mejju 2000.

Rat il-verbali tal-25 ta' Mejju 2000 fejn xehdu Saviour Farrugia u Lawrence Cuschieri u Dr Zammit ghar-Registratur tal-Qrati Superjuri ddikjara li baqghalu jtella bhala xhud lill-konvenut; tat-13 ta' Lulju 2000, tal-14 ta' Dicembru 2000, tal-15 ta' Jannar 2001 u tat-3 ta' Mejju 2001 fejn xehed il-konvenut Anthony Gauci u d-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar, trattaw il-kaz u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-11 ta' Lulju 2001.

Rat id-dokumenti u l-atti tal-process.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din l-kawza saret mill-attur stante li qed jallega li l-konvenut huwa hati ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti u dan peress li meta il-Marixxal tal-Qorti fl-10 ta' Gunju 1997 mar biex jeleva l-oggetti mobbli kolpiti bil-Mandat ta' Qbid Numru 284/95 ghand il-konvenut fil-fond "Sayonara", Triq il-Karwiela, Santa Lucia, sabiex issir il-bejgh bl-irkant tal-istess mobbli fit-12 ta' Gunju

1997, kollox kif ordnat mill-Qorti b'Digriet tat-3 ta' Ottubru 1996, l-istess konvenut impedieh li jaghmel dan nonostante li l-istess Marixxal avzah bil-konsegwenzi ta' tali azzjoni.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess Marixxal tal-Qorti Saviour Farrugia sostna li meta mar biex jeleva l-oggetti mertu tal-Mandat ta' Qbid Numru 284/95 l-istess konvenut irrifjuta li jhalli lill-istess Marixxal jiehu l-istess oggetti, u wara li l-istess Marixxal spjegalu l-konsegwenzi tal-azzjoni tieghu, u li kien ser jirrapporta lill-Qorti li huwa sab xkiel sabiex jesegwixxi l-ordni tal-Qorti, l-istess konvenut irrispondih li mid-dar tieghu ma kien ser jhalli lill-hadd jiehu xejn. L-istess Marixxal ipprova jipperswadih sabiex ma jkompliex jinsisti b'din l-opposizzjoni tieghu, izda l-konvenut baqa' jinsisti li huwa ser jibqa' jinsisti bl-agir tieghu u *"imbaghad isir li ghandu jsir".*

Illi fil-fatt l-istess Saviour Farrugia, illum ex-Marixxal tal-Qorti, ikkonferma ir-rapport minnu maghmul fit-12 ta' Gunju 1997 fl-atti tas-Subasta Numru 336/96/P.A., li gie wkoll iffirmat minn Joseph Debattista, li kien qed jassisti l-istess Marixxal, u li abbazi tieghu din il-Qorti, b'ordni tal-Onorevoli Imhallef Geoffrey Valenzia ordnat b'digriet tal-25 ta' Gunju 1997 sabiex jittiehdu l-proceduri relevanti kontra l-istess konvenut, minhabba dan l-agir tieghu (Dok. "X3").

Illi l-istess konvenut fix-xhieda tieghu tat-3 ta' Mejju 2001 sostna li huwa ma ghamel l-ebda rezistenza ghall-istess Marixxal u qallu biss li ma kien ser jiehu xejn mill-istess dar; kompla jghid li llum id-debitu li kellu, li kien il-mertu tal-istess Mandat ta' Qbid u proceduri bis-subasta in kwistjoni, gie mhallas.

Illi fl-apprezament tal-provi migjuba quddiem din il-Qorti, hija l-konvinzjoni ta' din il-Qorti, li konvenut fixkel lill-Marixxal, ufficjal tal-Qorti, milli jesegwixxi l-ordni lilu moghtija mill-istess Qorti, sabiex jeleva l-oggetti mobbli deskritti fil-Mandat ta' Qbid Numru 285/95 sabiex issir is-subbasta tal-istess oggetti mobbli fit-12 ta' Gunju 1997, u dan billi ostakola lill-istess Marixxal milli effettivament jeleva l-istess oggetti u dan baqa' jissussisti nonostante li l-istess Marixxal widdbu bil-konsegwenzi ta' tali opposizzjoni tieghu.

Illi dan johorg car mir-rapport skjet tal-istess Marixxal maghmul minnu stess fit-12 ta' Gunju 1997, u kkonfermat minnu bil-gurament quddiem din il-Qorti, fejn l-istess xhieda ta' Saviour Farrugia tindika b'mod car kif l-istess Marixxal ipprova jipperswadi lill-konvenut sabiex jhallih jaghmel xoghlu, izda dan kien kollu ghalxejn, ghalkemm l-istess konvenut ma kienx aggressiv u lanqas offra rezistenza fizika.

Illi ghalkemm ma jidhirx li l-konvenut uza xi vjolenza fuq l-istess Marixxall tal-Qorti, pero' certament li bl-attitudini tieghu huwa impedixxa lill-istess ufficcjal tal-Qorti milli jesegwixxi l-ordni taghha, u certament dan ma ghandux jigi tolerat, iktar u iktar meta il-konvenut kien konxju tal-istess ordni peress li l-istes Marixxal ghal darba darbtejn wissieh dwar il-konsegwenzi tal-istess.

Illi tajjeb li jigi rilevat illi l-kawza odjerna titratta dwar kawza ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti. Bhala tali taqa' taht id-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 988 sa 1003A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi skond sentenza "**Catherine Portelli vs Joseph Cachia et noe**" (A.K. 28 ta' Jannar 1991) tali artikoli huma intizi sabiex:-

"*Tiddisponi li certi atti jikkostitwixxu disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti u tippreskrivi l-pieni li ghandhom jigu nflitti fuq min jinsab li jkun ikkommetta xi att minn dawk. F' dawn il-kazijiet il-ligi tispecifika l-pieni tac-canfira, ta' l-ammenda jew multa, jew tad-detenzjoni preskritti mill-Kodici Kriminali.*

*Mill-premess jidher car li dan il-procediment huwa ta' indoli kriminali. Il-fatt li l-istess procediment gie*

*introdott b' citazzjoni, cioe` l-att li ordinarjament jintuza f' azzjonijiet civili, u ma jnehhi xejn minn natura kriminali. Ic-citazzjoni f' dan il-kaz ma hija xejn hlief it-tahrika ta' "l-akkuzat" biex jidher biex iwiegeb ghall-akkuza* ***(Artikolu 998 tal-Kap 12)****.*"

Illi wkoll jinghad li l-procediment odjern huwa skond is-sentenza "**Il-Qorti vs Antoine R. Camilleri**" (PACC 9 ta' Novembru1990):-

"*Stabbilit mill-ligi, aktar milli bl-iskop li tigi kustodita d-dinjita` tal-Qorti, biex tigi tutelata l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja*."

Illi l-proceduri gew inizjati mir-Registratur tal-Qorti wara li gie ordnat jaghmel hekk minn din il-Qorti skond digriet tal-25 ta' Gunju 1997 u dan a tenur ta' l-**Artikolu 1003 A** li jistipula:-

"*Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan it-titolu f' kull procediment ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti, ir-Registratur ghandu jibda, kif jigi ordnat mill-Qorti, il-procedimenti mehtiega u ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi huwa ghandu jitqies bhala l-attur*."

Illi ghalhekk kif stipulat f'dan l-artikolu, ir-Registratur ghandu jibda proceduri ghal disprezz wara li jkun gie ordnat hekk mill-Qorti u fil-fatt hekk sar f'din il-kawza

kif jinsab indikat bid-Digriet tas-6 ta' April 1998. Ara f' dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet "**Registratur tal-Qrati Superjuri vs Anthony Gauci**" (PA 2637/97RCP) deciza fit-23 ta' Marzu 1999 u a skans ta' repetizzjoni taddotta l-istess insenjamenti hemm indikati, konfortati bis-sentenza "**Registratur tal-Qrati Superjuri vs Salvu Psaila et**" (Appell Inferjuri 12 ta' Frar 1996 – LXXX.ii. 1087).

Illi jinghad ukoll li skond l-**Artikolu 284 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u ta' Procedura Civili (Kap 12)** hemm provdut illi hadd ma jista' jaghmel oppossizzjoni fl-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid tant li **fl-artikolu 279 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u ta' Procedura Civili (Kap 12**) jipprovdi illi:-

"*Hadd ma jista' jaghmel opposizzjoni ghall-ezekuzzjoni ta' mandat, hlief wara li tkun saret l-ezekuzzjoni*."

Illi huwa ormai stabbilit illi sabiex taghmel din l-opposizzjoni ma huwiex necessarju li wiehed juza' xi vjolenza partikolari, jew ikun aggressiv, izda bizzejjed kull att li jimpedixxi b'xi mod lill-Marixxall Esekutant li jesegwixxi l-ordni moghtija lilu mill-Qorti, u kull forma ta' ostakolu f'dan is-sens iservi ta' opposizzjoni tal-istess ordni u ghalhekk disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti (**"Registratur tal-Qorti vs Paul Zammit et" -**

P.A. (RCP) 14 ta' Novembru 2000; "**Registratur tal-Qorti Superjuri vs Dolores sive Didi Busietta" -** P.A. (RCP) 18 ta' Ottubru 2000; **"Registratur tal-Qorti vs Salvu Psaila et" -** P.A. JSP. 12 ta' Frar 1996 - LXXX. ii. 1091), **"Registratur tal-Qorti vs Anthony Grech"** - P.A. RCP - 4 ta' Lulju 2000).

Illi ovvjament dawn ir-regolamenti huma mehtiega sabiex tinzamm l-ordni u sabiex jigi muri b'mod effettiv li hadd ma jista' jmur kontra l-ligi, u mill-provi prodotti jirrizulta bl-iktar mod car illi l-konvenut bl-ostakolu li ghamel lill-Marixxall, anke wara li ammonih bil-konsegwenzi li jista' jsofri, kien fil-fatt hati ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti.

Illi huwa veru li l-istess konvenut ura li ddispjacih talli ghamel u skuza ruhu fil-Qorti anke waqt ix-xhieda tieghu, pero` *"hija gurisprudenza konstanti li ghalkemm il-htija tibqa', it-talba ghall-iskuza tista' timmitiga l-htija ta' min jikkometti att ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti" (***"Il-Qorti vs George Galea"** - A.C.14 ta' Marzu 1988 - LXXII.ii.226; **"Qorti vs Caterina Cachia"** - 9 ta' Marzu 1950 - XXXIV.iii.783).

Illi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u peress li jidher li llum l-kaz dwar id-debitu tal-konvenut gie solvut mal-kreditur tieghu, u wkoll jidher li genwinament il-konvenut iddispjacih ghall-imgieba tieghu, filwaqt li

thoss li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fil-konfront tieghu, din il-Qorti thoss li ghandu jkun hemm mitigazzjoni tal-piena li ghandha tigi mposta fuq l-istess konvenut.

Illi fid-dawl tal-premess, l-eccezzjonijiet kollha tal-istess konvenut huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li kontrarjament ghal dak minnu ecceppiet, l-azzjoni attrici saret regolarment, u l-fatti indikati u ppruvati f'din il-kawza jammontaw ghall-disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, **tilqa' it-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Issib il-konvenut hati ta' disprezz ghall-awtorita' taghha fit-termini tat-**Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12)**; u

2. Tikkundanna lill-konvenut jhallas multa ta' hamsin lira Maltija (Lm50), u dan bhala piena preskritta mill-ligi fl-istess **Titolu XVII** fuq imsemmi, liema ammont

ghandu jithallas mill-konvenut fi zmien gimghatejn mill-lum fir-Registru ta' din il-Qorti.

Illi l-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata ghall-finijiet u effetti tal-ligi lid-Direttur Generali tal-Qorti.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi tas-sentenza tat-23 ta' Marzu 1999 kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**11 ta' Lulju, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**11 ta' Lulju, 2001**